# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2098

Każ Nru 2829/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Mark Buhagiar

u

Gozo Express Services Ltd

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 23 ta' Awwissu 2011

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avukat Carmelo Galea fl-10 ta' Settembru 2010 f'isem Mark Buhagiar fejn dan allega li ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Gozo Express Services Ltd fit-13 ta' Awwissu 2010. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Joseph Refalo, *Managing Director*, assistit mill-Avukata Charlotte Camilleri, innegat u tgħid li r-Rikorrent kien ta r-riżenja tiegħu. Waqt is-smiegħ tal-każ ir-Rikorrent kien assistit mill-Avukat Damian Bigeni.

Inżammu tmien seduti

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba nuqqasijiet infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom it-Tribunal kif ukoll xi differiment li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Artikolu.

**2. Fatti tal-Każ**

Is-Soċjetà Intimata tallega li wara xi nuqqasijiet gravi da parti tar-Rikorrent kienet ħarġitlu twissija. Dana irrifjuta li jiffirmaha u saħansitra rritornaha lura u meta l-*Managing Director* ipprova jagħtijielu huwa ddikjara li fiċ-ċirkostanzi ta' dak li hemm fit-twissija ma kienx lest li jaħdem. Is-Soċjetà Intimata għaldaqstant ikkunsidrat li r-Rikorrent kien qed jagħti r-riżenja tiegħu. Mill-banda l-oħra r-Rikorrent jgħid li huwa qatt ma ta r-riżenja u ma iffirmax u ma aċċettax it-twissija għaliex ma kienx jaqbel mal-kontenut tagħha.

**3. Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kien affaċċjat b'żewġ interpretazzjonijiet ta' att relattivament sempliċi cioe' ħruġ ta' twissija. Mill-banda l-waħda s-Soċjetà Intimata tgħid li r-reażżjoni għal din it-twissija kienet riżenja waqt li r-Rikorrent jgħid li huwa safa' imkeċċi għaliex fil-fatt mhux veru li kien ta r-riżenja mill-impieg li kellu. Ma tantx jidher li hemm disgwid serju bejn il-partijiet fuq kif ġraw il-fatti. Id-differenza bejn il-partijiet hija iktar dwar interpretazzjoni ta' dak li ġara.

Li kellu jara mill-bidu nett it-Tribunal kien jekk saritx fil-fatt riżenja da parti tar-Rikorrent. Is-Soċjetà Intimata tibbaża t-teżi tagħha fuq il-fatt li r-Rikorrent qal lil Joseph Refalo "Jekk il-*warning* mhux se tirtirah jiena ħa nitlaq" (Joseph Refalo xhud seduta tas-17 ta' Novembru 2010 fol. 20). Jirriżulta wkoll illi fil-laqgħa li saret nhar t-Tnejn 16 ta' Awwissu 2010 ir-Rikorrent quddiem il-*Managing Director* u Daniel Galea qal "taħt dawn il-kundizzjonijiet ma nistax naħdem" (l-istess seduta fol.26). Ir-Rikorrent jinnega dan. Jgħid li meta ltaqa' ma' Refalo dan dawwarlu kliemu. Jgħid li assolutament mhux veru li kien rriżenja (affidavit ta' Mark Buhagiar tad-9.10.10 pagna 3).

Quddiem dawn id-dikjarazzjonijiet u sfumaturi ta' konversazzjonijiet li saru it-Tribunal irid jevalwa jekk kienx hemm dawk l-elementi essenzjali li jammontaw għal riżenja. Dan it-Tribunal kemm il-darba sostna li deċiżjoni dwar riżenja mill-impieg hija deċiżjoni serja u importanti fil-ħajja lavorattiva ta' ħaddiem. Għaldaqstant hemm ċerti kriterji li jiċċaraw

jekk ir-riżenja tkunx fil-fatt saret. Fid-Deċiżjoni Nru 1096 Albert Galea vs Mediterranean Film Studios Ltd, deċiżjoni konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, dan it-Tribunal kien elenka kriterji li jikkaratterizzaw riżenja. Testwalment kien qal *"Ir-riżenja mill-impieg fiha nnifisha ma tridx tkun ekwivoka. Anzi għandha tkun limpida fiċ-ċarezza tagħha. Trid tkun fuq kollox ġenwina, espliċita, awtentika, magħmula volontarjament u preferibilment bil-miktub. It-Tribunal jirritjeni li riżenja ta' din ix-xorti ma għandha qatt tkun waħda preżunta jew assunta."* Huwa manifestement ċar illi l-allegata riżenja fil-każ in eżami ma tissodisfax dawn il-kriterji. Oltre dan jekk wieħed jifli l-messaġġi SMS li ġew skambjati, esibiti mill-istess Joseph Refalo mar-Risposta tas-Soċjetà Intimata fit-13 ta' Ottubru 2010, jinnota messaġġ minn Joseph Refalo lir-Rikorrent fl-14 ta' Awwissu 2010 fejn *inter alia* jgħidlu "*If you want to stick to your decision u have all the right and I respect it. Unless u sign it I regret to inform u that this will mean the termination of your employment* ***on disciplinary grounds***" (enfasi tat-Tribunal). Dana jkompli jsaħħaħ it-teżi li riżenja ġenwina ma kienx hemm. Anzi kien qed jiġi previst possibiltà ta' tkeċċija għal raġunijiet dixxiplinari.

Kif intqal iktar qabel quddiem it-Tribunal kien hemm dawn iż-żewġ alternattivi: jew riżenja jew tkeċċija. It-Tribunal jifhem li dwar temm ta' impieg hemm possibiltajiet oħra fosthom abbandun ta' impieg, ksur unilaterali tal-kuntratt tax-xogħol eċċ. In vista ta' dan it-Tribunal esplora wkoll xi ftehim li sata' sar fil-laqgħa li jidher li kien hemm nhar is-16 ta' Awwissu 2010. Sar xi aċċenn għal din il-laqgħa waqt is-smiegħ tal-Każ. It-Tribunal ried jesplora jekk din setgħetx tkun bażi għal mod ieħor ta' temm ta' impieg, dak li l-awturi jirriferu għalih bħala "*by mutual consent*". Iżda eżami bir-reqqa ta' dak li ġara f'din il-laqgħa ma jidhirx illi fiha sar xi progress ħlief li ġew diskussi xi dħul u ħruġ ta' flus dovuti miż-żewġ naħat.

Jekk allura riżenja ma kienx hemm kif fil-fatt spiċċa mill-impieg ir-Rikorrent? Jirriżulta b'mod ċar li dan effettivament ġie liċenzjat mis-Soċjetà Intimata għaliex ma ridx jiffirma t-twissija mogħtija lilu. Dan huwa sostnut minn kliem l-*Managing Director* stess fl-SMS kwotata iktar 'il fuq. Peress li din is-Soċjetà għażlet li tibbaża d-difiża tagħha esklużivament fuq l-allegata Riżenja (seduta tas-17 ta' Novembru 2010 xhud Joseph Refalo fol.35) it-Tribunal ma jistax jikkonsidra u jagħti piż lill-allegati nuqqasijiet tar-Rikorrent li taw lok għall-ħruġ tat-twissija li kienet il-kawża eventwali tat-temm tal-impieg tiegħu. Għalhekk minn dak li ġie ppreżentat u pruvat quddiem dan it-Tribunal jirriżulta liċenzjament magħmul mingħajr kawża ġusta u suffiċjenti u mhux riżenja.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-temm ta' l-impieg tar-Rikorrent Mark Buhagiar minn mas-Soċjetà Intimata Gozo Express Services Ltd ma kienx skond il-liġi.

Minħabba l-fatt li r-Rikorrent kien f'kuntratt għal żmien definit u li kien fadallu biss ftit xhur biex jintemm, it-Tribunal mhux ser jordna r-ri-ingaġġ tiegħu mas-Soċjetà Intimata.

**5 Kumpens**

Wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent Mark Buhagiar mis-Soċjetà Intimata Gozo Express Services Ltd f'ammont ekwivalenti għal nofs il-paga bażika *gross* i.e. qabel it-taxxa u tan-NI mit-13 ta' Awwissu 2010 sat-30 ta' Novembru 2010. Din is-somma trid titħallas sa mhux iktar tard mis-7 ta' Settembru 2011.

B'hekk jintemm dan il-Każ

**6. Drittijiet**

Ai termini ta' l-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju